**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT DOTTOR SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**DANIELE AQUILINA**

**Illum 28 ta' Settembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Daniele Aquilina detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 568393M gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-26 ta' Lulju 2013 u fi granet ohra;

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija GO u/jew persuni ohra;

2. u aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3. u aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

4. u aktar talli kellu fil-pussess tieghu, jew ghamel uzu, jkun xi jkun minn xi dokument ta' l-identita, meta ma kienx id-detentur tal-karta ta' l-identita jew l-agent tad-detentur fil-qadi ta' xi htiega ta' l-att dwar il-Karta ta' l-Identita u dokumenti ohra ta' l-identita jew ta' xi ligi ohra;

5. u aktar talli gie fil-pusess tieghu xi dokument tal-identita mahrug lil xi persuna ohra, u ma ikkonsenjahx jew baghtu minnufih lid-detentur taghha jew lill-ufficcjal awtorizzat.

6. u aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LLD nhar il-15 ta' Marzu 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ippreseduta mill-Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Daniele Aquilina u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 200 euro bhala depositu u 20,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulati fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ippreseduta mill-Magistrat Dott. Edwina Grima LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Daniele Aquilina u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ippreseduta mill-Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif

ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta.

10. Finalment jakkuza lil Daniele Aquilina talli huwa sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi Sentenzi, liema Sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati 23 ta’ Jannar, 2014 u nnutat li l-imputat, wara li gie mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, u wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb, iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-4 ta’ April, 2016 l-imputat ammetta l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-ammissjoni tieghu.

Fl-istess Seduta l-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuza numru ghaxra (10) li tirrigwarda r-recidiva.

Fl-istess Seduta l-Prosekuzzjoni u d-Difiza ddikjaraw li nkwantu ghall-ispejjez dovuti lil Go plc l-imputat m’ghandu l-ebda pendenzi maghhhom.

Saru sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-artikoli 308, 309, 310, 183, 184, 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 22(1) u 22(2) tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rigward l-akkuzi numru sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) il-Qorti kif presjeduta tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dawn l-akkuzi stante li rigward dawn l-akkuzi diga’ gie provdut ghalihom minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rigward l-ghaxar (10) akkuza, kif diga’ intqal qabel f’din is-Sentenza, din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza u dan inkluz x'tip ta' piena jimmerita l-imputat. Hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjonijiet tal-Probation Officer Svetlana Bezzina minn folio 208 sa 216, ta' John Colombo minn folio 212 sa 214 u Elaine Difesa minn folio 215 sa 217 u s-sottomissjoni dwar il-piena maghmula mid-Difiza u l-Prosekuzzjoni.

F'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-fedina penali xejn felici tal-imputat (ara fol. 225 sa 230) li juri lil minn eta' tenera l-imputat ghogbu jaqbad it-triq tal-kriminalita' kif ukoll is-serjeta' tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat li taghhom ammetta.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idonea ghal dan il-kaz hi wahda karcerarja.

Konsegwentement issib lill-imputat Daniele Aquilina hati fuq ammissjoni tal-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess Daniele Aquilina ghall-piena komplessiva ta' tliet (3) snin prigunerija.

Rigward l-akkuzi sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) il-Qorti diga' espremit ruhha fuq dawn l-akkuzi f'din is-Sentenza billi astjenit milli tiehu tiehu konjizzjoni ta' dawn l-akkuzi stante li rigward dawn l-akkuzi diga' gew provduti ghalihom minn din il-Qorti diversament presjeduta u illi rigward l-ghaxar (10) akkuza kif diga' ntqal qabel f'din is-Sentenza dina l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati Daniele Aquilina sabiex fi zmien tliet (3) xhur mil-lum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' erbgha mija u dsatax il-ewro u wiehed u tmenin centezmu (€419.81) rapprezentanti spejjez bin-nomina f'din il-kawza tal-Espert Martin Bajada.

**Ft./Dr. Saviour Demicoli LL.D., M.Phil.**
**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**